**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 223 / 14RGM

Kawza fil-lista: 4

**A B**
**vs**
**L-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Rita Drago illi permezz ta' digriet datat 17 ta' Novembru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fis-7 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kien izzewwg lill-intimata ta' nazzjonalita' Ciniza fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) gewwa c-Cina, liema zwieg gie registrat hawn Malta kif jirrizulta rnic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma' kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ma' kienux jippossjedu l-kapacita' illi japprezzaw is-serjeta tal-passi illi kienu qieghdin jiehdu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u dan ai termini tal-artiklu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'anornalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artiklu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja rnizzewwga, jew ghad-dritt tal-hajja konjugali u dan ai termini tal-Artiklu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett gnat-termini tal-artiklu 19 (1) (d) u / jew l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur.

GhaldaqsCt l-esponenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa wiehed null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u cioe' artikolu 19 (1) (d) u artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna n-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex nsiru l-annotamenti kollha necessarji fl-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din l-Qorti tas-17 ta' Novembru 2014 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Rita Drago bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi ghall-konvenuta li hi assenti.

Rat n-nota tal-attur tal-15 ta' Dicembru 2014 li biha kkonferma li ma saret l-ebda kawza quddiem it-Tribunal Ekklezjasstiku, in vista tal-fatt li z-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed Civili u mhux Religjus;

Rat l-affidavit tal-attur mahluf fit-12 ta' Dicembru 2014, anness ma' nota ppresentata fil-15 ta' Dicembru 2014;

Rat it twegiba tal-konvenuti kuraturi pprezentata fit-3 ta' Frar 2015;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Marzu 2015, fejn l-attur gie ordnat jiddepozita fir-Registru l-ammont ta' Euro 350 sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati f'dawn il-proceduri;

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fis-7 ta' April 2015 fejn iddikjara li qed jirtira l-premessa bbazata fuq l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u jzomm ferm il-premessa u t-talba ghab-bazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 fejn giet nominata l-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 2015, fejn gie nominat bhala assisCt Gudizzjarju l-Avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat il-kontroezami tal-attur li sar fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta' April 2016 fejn il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2016;

IL-PROVI.

L-attur fl-affidavit tieghu ddikjara li kien mar vakanza ta' xahar f'Bejing, ic-Cina u ltaqa' mal-konvenuta go bar. Kien jiltaqa' maghha kuljum ghal xahar shih u hass li l-istorja ta' bejniethom kienet wahda ta' 'Love at first sight'. Wara xahar irritorna Malta.

Komplew jikkommunikaw permezz tal-internet, kienet tghidlu li kienet tixtieq li jizzewgu ghax kienet kuntenta li saret tafu, ghalkemm hu dehrlu li kien hemm xi haga stramba, billi kien ilu jafha ghal ftit zmien biss, kien ta' nazzjonalita' differenti, ma kien jaf xejn fuq il-hajja familjari u socjali taghha, qatt ma introducietu ma' membri tal-familja taghha, kien dubbjuz izda jghid ma riedx jitlifha.

Fil-bidu kien beda jittrattjeni jekk kellux jizzewwigha jew le, pero' hu kien jahseb li kienet verament thobbu, kien sar ihobbha u ghalhekk iddecida li jmur lura ic-Cina u jizzewwigha. Hekk ghamel, mar hemm, izzewwigha, u wara ftit gimghat hu gie lura Malta, u hi baqghet hemm, fil-fatt hi qatt ma giet Malta.

Hu ddikjara li l-affarjiet nbidlu immedjatament wara li zzewgu. Ma kienux jikkoabitaw, dan ghamluh biss ghal xahar meta kien mar hemm biex jizzewwigha,

u ghaliha z-zwieg kien jfisser biss il-flus. Lanqas ma kienu jikkomunikaw billi l-Ingliz taghha ma kienx tajjeb u ma kienux jiftehmu.

Wara li rregistra iz-zwieg f'Malta rrealizza illi zzewgitu biex tuzah u ghall-konvenjenza taghha. Izzewgitu biex tghix mieghu f'Malta, dan ikkonfermatu meta darba stqarritu, fis-sahna tal-mument, meta kellhom xi jghidu. Semmietlu darbtejn li lesta tiddivorzja, ghalhekk hu fehem li minn qabel zzewgu hi kellha f'mohhha li titilqu. Hi qatt ma semmhiet trobbija ta' familja jew li xtaqhet tibni relazzjoni permanenti u soda mieghu. Iz-zwieg ghaliha kien mezz biex tasal ghall-iskopijiet personali taghha u mhux biex tifforma familja.

Fil-kontro-ezami l-attur iddikjara li ohtu Christine kienet staqsitu deherlux li kien qed jghaggel wisq. Hu kkonferma li wara li kien gie lura mic-Cina u ddecieda li jerga' jmur biex jizzewwigha ghaddiet kwazi sena. Kien jikkomunika maghha fuq Skype u kien iccempillha xi darbtejn jew tlett darbiet fis-sena. Kien jghidilha li setghat tigi Malta billi hu kellu l-post tieghu u hi ssib xoghol hawn Malta. Kienet tghidlu "Yes, yes that's what I want". Kellha 47 sena u fic-Cina kienet tahdem f'fabbrika tal-hwejjeg. Dwar il-lingwa kienet tghidlu "I will learn English" u dwar ix-xewqa tieghu li jiltaqa' ma' membri tal-familja taghha, kienet tghidlu " they are too far away" jew "they are too busy". Hu mar it-tieni darba ic-Cina f'April 2014, meta kienu gja' ddecidew li jizzewgu Ct li hu tkellem mal-Awtoritajiet f'Malta, u hi kellha taghmel l-istess fic-Cina. Izzewgu gimghatejn wara li wasal ic-Cina u dam hemm xi xahar. Hu kkonferma li sa mill-ewwel gurnata l-affarjiet nbidlu. Izzewgu quddiem ufficjal u wara marru f'lukanda fejn hu pprettenda li ser ikunu ferhanin, izda hi ma wriet l-ebda interess fih, u kienet il-hin kollu fuq titkellem mal-hbieb fuq il-mobile jew tibghat il-messaggi. Meta staqsiha qaltlu "now I'm ok because I can come to Malta". Meta staqsiha fuq l-imhabba qaltlu " Do not worry that will come slowly". Qaltlu li riedet tixtri dar u tiftah negozju u li hu kellu jghinha finanzjarjament. L-attur jghid li qabel iz-zwieg kienu jaqblu, pero' ma baqghux jaqblu immedjatament wara. Ma kienx hemm interess ghat-tfal billi t-tnejn kellhom certa eta', hu xtaq li tinbena relazzjoni permanenti. Minhabba l-atteggjament taghha l-imhabba li kellu spiccat fix-xejn. Finalment iddikjara li ma ghandux u qatt ma kellu indirizz taghha, biex il-kuratur jkun jista' jikkommunika maghha.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali jinhtieg is-salvagwardji neccessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necassarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonosCte li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi. Fil-kawza fl-ismijiet "Anna

Tonna vs Alexander Tonna" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk;

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn irrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux jkun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.

Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubju."

L-attur, b'nota ippresentata fis-7 ta' April 2015, ddikjara li qed jipprocedi b'din t-talba a bazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 u mhux a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-istess Kap.

Dan is-subincis (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkosCzi fejn xi hadd mill-partijiet jkun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subincis jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens li minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewwga kien qed jigi eskluz a priori. F'dan is-sens issir riferenza ghad-decizjonijiet "Galea vs Walshi" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 1995 u "Muscat vs Borg Grech" deciza mill-istess Qorti fl-14 ta' Awwissu 1995.

Fil-kawza fl-ismijiet " Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et noe" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 ntqal hekk:

" meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg....hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

Fil-kawza fl-ismijiet "Theresa Taguri nee Spiteri vs Avv Dr Christopher Cilia et noe." deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1999 ntqal:

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subincis gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espresso bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."

Fil-kaz in ezami, l-attur mar ghall-vaganza fic-Cina, ltaqa' mal-konvenuta, u ha grazzja maghha, u wara xahar rritorna Malta, baqa' f-kuntatt maghha, talbitu biex jizzewgu, ghall-ewwel ma kienx konvint, pero' hass in-nuqqas taghha u ftehmu li jerga jmur biex jizzeww=gu, hu kellu jiehu hsieb l-formalitajiet hawn Malta u hi hemm fic-Cina.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur huwa evidenti illi ghall-konvenuta dan kien purament zwieg ta' konvenjenza. Da parti tal-konvenuta kien hemm simulazzjoni fit-termini tal-gurisprudenza appena citata. Il-konvenuta zzewget lill-attur, mhux biex tghix hajja mizzewwga mieghu, izda ghal skopijiet ulterjuri, li legalment jivvizzjaw il-kunsens taghha skond l-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tidddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' April 2014 hu null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici, tordna in-notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jsiru l-annotamenti necessarji fl-att taz-zwieg relattiv, konformi ma' din id-decizjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta b'dan illi d-drittijiet tal-kuraturi depuati jithallsu provvizorjament mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**